# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 1** | **SOCIAL STUDIES** | **TIME: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Isem: ___________________________________ Klassi: ______________

**Taqsima A**

Imla l-vojt b'dawn il-kliem.

"peer group", għaqdiet volontarji, gang, bullying, tagħlim informali, soċjalizzazzjoni primarja, normi soċjali, rwoli, simetrika, dmirijiet.

1 It-trobbija ta' l-ulied m'għadhiex ir-____________ ta' l-omm biss.

2 Il-proċess ta' tagħlim u ta' mġiba fil-grupp tal-familja tissejjaħ___________________________.

3 Il-familja ________________ hi waħda fejn id-drittijiet u d-dmirijiet huma mqassma ndaqs bejn il-ġenituri.

4 Bħala ċittadini għandna _________________ x'naqdu.

5 Bis-saħħa tal-_________________niksbu aktar fiduċja fina nfusna, nirbħu d-dubju w l-biżgħat, u jkollna sens aktar ta' solidarjeta' soċjali.

6 _____________ jistenna li l-membri tiegħu juru ċertu kuraġġ li xi drabi jwassal għal xi abbuż.

7 Xi kultant f'gang jista' jkun hemm il-____________________.

8 ___________________________ huma gruppi ta' nies li jagħtu servizz lin-nies tal-komunita' mingħajr ma jitħallsu.

9 It-______________________ jiġi mhux biss minn ġo xi istituzzjoni bħal ma hi l-iskola, iżda wkoll mill-laqgħat ma' l-oħrajn fl-ambjent soċjali tagħna.

10 Is-soċjeta' tistenna liċ-ċittadini jimxu man-____________________.

**10 marki.**

**Taqsima B**

Qabbel il-lista A mal- B billi tagħżel numru fil-kolonna tan-nofs.

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | l-Istudji Soċjali | | Skejjel, kulleġġi, E.T.C. |
| 2 | Bil-ħbiberija | | Tħossok ħaġa waħda ma' l-oħrajn. |
| 3 | Ir-responsabbilta' hi | | Każin tal-banda, drama club, club ta' l-arti. |
| 4 | Gruppi kulturali | | Jagħmel lill-istudent aktar konxju mis-soċjeta'. |
| 5 | Edukazzjoni formali | | Għamla ta' gvern lokali. |
| 6 | Komunita' | | Regoli li jmexxu s-soċjeta'. |
| 7 | Soċjeta' | | Grupp ta' nies li jaħdmu flimkien għall-istess għan u bi rwoli differenti fejn l-membri jħossuhom qrib ta' xulxin. |
| 8 | Solidarjeta' | | Id-dmirijiet li wieħed għandu jħares. |
| 9 | Kunsill lokali | | Kumpanija ta' bnedmin oħra li magħhom tista' taqsam l-esperjenzi u l-emozzjonijiet personali. |
| 10 | Normi Soċjali. | | Grupp ta' nies li jaħdmu flimkien għall-istess għan fejn ir-relazzjoni tal-membri mhix daqshekk fil-qrib. |

**10 marki.**

**Taqsima Ċ**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispażju pprovdut.

1 Għaliex huwa importanti li tistudja l-Istudji Soċjali?

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________

3 marki

2 Kif nistgħu nagħrfu bniedem minn ieħor?

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________

3 marki

3 Għaliex il-bniedem ma jistax jgħix waħdu?

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________

3 marki

4 Semmi it-tliet funzjonijiet tal-familja?

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________

3 marki

5 Għaliex huwa daqshekk importanti il-“peer group”?

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________

3 marki

6 Għaliex il-familja qiegħda ssir simetrika?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

3 marki.

7 Semmi tliet modi ta’ kif issir is-soċjalizzazzjoni.

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________

3marki.

8 Għaliex huwa importanti li individwu jkollu edukazzjoni xierqa fil-ħajja li qed ngħixu fiha llum?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

4 marki.

**Total 25 marka.**

**Taqsima D.**

Aqra din is-silta u wieġeb fl-ispazju pprovdut.

Fil-grupp ikollok ir-regoli ta' mġiba. Dawn ir-regoli huma informali għax ma nsibuhomx miktubin ġo xi ktieb. Huma 'miktubin' fil-karattru stess tal-grupp. Min ma jimxix mar-regoli tal-grupp jiġi mwarrab mill-membri tal-grupp stess. Meta xi membru tal-grupp jibda ma jattendix għal laqgħat, biż-żmien dan il-membru jiġi eskluż mill-grupp.

1 Għaliex dawn ir-regoli qed jissejħu informali?

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

3 marki.

2 Agħti 3 eżempji ta' regoli li jistgħu jagħmlu grupp ta' ħbieb.

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

3 marki.

3 Meta jista' membru ta' grupp jiġi eskluż? Agħti 3 eżempji.

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

3 marki.

4 Għaliex għandna bżonn il-grupp tal-ħbieb?

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

5 marki.

5 Mill-esperjenzi tiegħek mal-ħbieb, x'tip ta' proċessi għaddejt minnhom?
Iddeskrivi xi wħud mill-esperjenzi li tgħaddi minnhom meta tkun fil-grupp tal-ħbieb.

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

6 marki

**Total 20 marka.**

**Taqsima E.**

Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u agħti l-opinjoni tiegħek.

1 F'familja partikolari f'tarf ir-raħal, kien hemm ġuvni li kien qed jiġi mgħajjar mill-ġenituri tiegħu għax ma kienx tajjeb fl-iskola. Dan il-ġuvni kien tajjeb fix-xogħol ta' l-idejn. Dak li jaraw għajnejh kienu jagħmluhom idejh.

X'parir tagħti lill-ġenituri ta' dan il-ġuvni?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

5 marki.

2 Fil-familja ta' Marija hemm in-nanna toqgħod magħhom. Dejjem jgħajtu magħha u jiddieħku biha meta tipprova toħroġ b'xi idea għall-familja li qed tgħix fiha.

Li kieku għandek in-nanna tgħix magħkom, kif iġġib ruħek magħha?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

5 marki.

**Total 10 marki.**

**Taqsima F**

Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 150 kelma.

1 Id-dmirijiet u d-drittijiet tal-familja.
2 Ir-rwoli differenti ta' individwu fis-soċjeta'.
3 L-importanza ta' l-edukazzjoni formali u informali bħala proċess ta' soċjalizzazzjoni.

**Total 25 marka.**